## 6 ta' Mejju, 1985

## Imħallfin:-

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Joseph Psaila

### Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Xhud - Intimat - Qorti ta' Prim Istanza - Diskrezzjoni - Appell

*Kontinwazzjoni tal-kawża preċedenti. Il-fatt li kien hemm appell pendenti minn digriet ma jġibx li l-Qorti ma għandhiex tisma' x-xhieda ta' l-intimat. Kien jispetta lill-Qorti ta' prim istanza biex fid-diskrezzjoni tagħha tirregola kif trid tisma' l-provi. F'dan il-każ dik id-diskrezzjoni ġiet użata sewwa.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 1984 li bih Joseph Azzopardi wara li ppremetta li fl-10 ta' Ottubru, 1984 għall-ħabta tas-2.30p.m. huwa mar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija akkompanjat mill-avukat tiegħu fuq talba ta' l-Ispettur Joseph Psaila u li huwa dak il-ħin ġie ordnat jieħu l-karozza tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija liema ordni huwa obda; u wara li ppremetta li huwa nżamm arrestat u fit-8.30 p.m. ġie interrogat

mill-Ispettur Psaila u mistoqsi domandi dwar imġiba tiegħu li bl-ebda mod ma tikkostitwixxi delitt liema interrogatorju dam għal xi ħmistax-il minuta; wara li ppremetta ulterjorment li mis-2.30 p.m. sat-8.30 p.m. huwa ma kellu ebda ħjiel għala l-*libertà tiegħu kienet* qed tiġi miċħuda u li anki wara li ġie interrogat huwa *nżamm* arrestat inutilment u ġie rrilaxxat wara erbgħa u għoxrin siegħa oħra mingħajr ma reġa' ġie interrogat; wara li ppremetta wkoll li inoltre ċ-ċella li fiha huwa *nżamm* arrestat kienet maħmuġa u nieqsa minn kull iġene umana tant li kienet infestata bin-nemus u minnufih wara l-ħelsien tiegħu *mill-arrest kellu jattendi l-Isptar San Luqa biex jirċievi kura* medika minħabba l-infezzjoni kkawżata min- nemus; wara li ppremetta li dan jikkostitwixxi *arrest arbitrarju* kif *maħsub* fl-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni kif ukoll trattament inuman u degradanti kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni; talab li l-ewwel Onorabbli Qorti jogħġobha (1) issib lill-intimati ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali li protetti mill-artikoli 35 u 37 tal-*Kostituzzjoni* (2) tiddikjara li l-arrest tiegħu jammonta għal arrest arbitrarju u għal trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikoli 35 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (3) tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu kumpens għal tali arrest għat-tenur tas-subinċiż (3) ta' l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni; u (4) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi skond kif jidhrilha xierqa sabiex *tinforza u tassigura s-seħħ tad-drittijiet tiegħu.* Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom;

Rat ir-risposta tat-23 ta' Novembru, 1984 l-esponenti rrispondew li (1) ir-rikors kien irritu *stante* li ma jsemmix id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura kif previst fir-regolament 3 (1) tar-Regolamenti tal-Qorti dwar id-*Drittijiet* u Libertajiet Fondamentali (2) li subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-

rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih qabel ma adixxa lil din il-Qorti u għalhekk il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47 (2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti skond id-dispożizzjonijiet invokati mir-rikorrent u li (3) subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess ir-rikors huwa frivolu u vessatorju u l-esponenti ma kisru ebda dritt fondamentali tar-rikorrent; salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti miżmuma fit-23 u fis-27 ta' Novembru, 1984 minn fejn tirriżulta s-sekwenza ta' eventi li ġejja u ċjoè:

1. fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 1984 quddiem l-ewwel Qorti ġiet ittrattata s-sottomissjoni ta' l-intimati fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħhom dwar l-irritwalità tar-rikors;

2. b'digriet ta' l-istess data tat-23 ta' Novembru, 1984, l-ewwel Onorabbli Qorti billi dehrilha li jkun iktar opportun li r-rikorrenti jispeċifika b'mod iktar indikattiv liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura mill-intimati ordnat lill-istess rikorrent jagħmel din l-ispeċifika u jekk huwa in grad, anke verbalment fis-seduta;

3. fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 1984, wara d-digriet ta' l-ewwel Qorti li ġie appellat mill-intimati kif ingħad l-avukat tar-rikorrenti ddikjara li ma kellux x'iżid mar-rikors billi r-rikorrent qed jallega l-ksur tal-parti dispożittiva ta' l-artikolu 35 sħiħ u l-artikolu 37 sħiħ kif indikat fir-rikors;

4. l-ewwel Qorti wara li semgħet il-partijiet rigward l-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-esponenti ddiferiet il-kawża għas-27

ta' Novembru, 1984 għall-provvediment;

5. fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 1984 l-ewwel Qorti pprovdiet billi ddikjarat li billi dehrilha li r-rikors intavolat, kif sussegwentement spjegat oralment, huwa ritwali u skond il-liġi u ordnat lill-partijiet għalhekk biex iressqu l-provi tagħhom dwar il-każ, bla preġudizzju tas-setgħa mogħtija lill-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47 (2) tal-Kostituzzjoni;

6. fl-istess seduta tas-27 ta' Novembru, 1984 immedjatament wara l-provvediment fuq imsemmi l-intimati rrilevaw lill-Qorti li huma kienu appellaw mid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Novembru, 1984, u talbu lill-ewwel Qorti tissopprasjedi sakemm jiġi deċiż dak l-appell;

7. b'digriet ta' l-istess data l-ewwel Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

8. l-intimati talbu posponiment qasir sabiex ikollhom l-opportunità li jieħdu konjizzjoni aħjar tad-digriet li kienet għadha kemm tat l-ewwel Qorti u l-istess Qorti laqgħet it-talba u pposponiet il-kawża għall-11.00 a.m;

9. l-intimati ppreżentaw nota fir-reġistru fl-istess data li fiha rrileva lill-ewwel Onorabbli Qorti li, fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 1984, it-trattazzjoni kienet limitata għall-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-intimati dwar l-irritwalità tar-rikors u rrileva li għad trid issir trattazzjoni dwar it-tieni paragrafu tar-risposta ta' l-esponenti;

10. Meta reġgħet bdiet is-seduta fis-27 ta' Novembru, 1984 ir-rikorrent talab il-produzzjoni ta' l-intimat Spettur Joseph

Psaila għalbiex jixhed;

11. l-intimati opponew dik it-talba;

12. b'digriet ta' l-istess data tas-27 ta' Novembru, 1984, il-Qorti ordnat lill-intimat Spettur Joseph Psaila jitla' jixhed b'riserva lill-imsemmi xhud li jekk iħoss in-neċessità u għal raġunijiet ikkontemplati mil-liġi, jitlob lill-istess Qorti biex teżentah milli jwieġeb għal dik id-domanda;

13. l-intimati ħassewhom aggravati bis-segwenti deċiżjonijiet ta' l-ewwel Qorti tas-27 ta' Novembru, 1984:-

(i) bid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li biha ddikjarat li r-rikors intavolat minn Joseph Azzopardi, kif sussegwentement spjegat oralment, huwa ritwali u skond il-liġi u ordnat lill-partijiet iressqu l-provi tagħhom dwar il-każ bla preġudizzju tas-setgħa mogħtija lill-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni;

(ii) bid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li biha laqgħet it-talba tar-rikorrent Joseph Azzopardi għall-produzzjoni ta' l-intimat appellant Spettur Joseph Psaila biex jixhed u ordnat lill-Ispettur Joseph Psaila jitla' jixhed u dan wara l-oppożizzjoni ta' l-intimati għat-talba msemmija tar-rikorrent Joseph Azzopardi;

Konsegwentement b'rikors ta' appell tad-29 ta' Novembru, 1984 l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Spettur Joseph Psaila interponew appell minn dawn iż-żewġ digrieti u talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni li biha l-ewwel Qorti ddikjarat li r-rikors intavolat mir-rikorrent appellant, kif sussegwentement spjegat oralment, huwa ritwali u skond il-liġi, u ordnat lill-partijiet iressqu l-provi tagħhom dwar il-każ bla

preġudizzju tas-setgħa mogħtija lill-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni u minflok tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intimati fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħhom u tordna lir-rikorrent appellant li jippreżenta f'dak *iż-żmien li l-Qorti tistabilixxi, nota* li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa bl-ispejjeż ta' l-istess ordni għar-rikorrent u tirrinvija l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni fit-tieni paragrafu tar-risposta ta' l-intimati għar-rikors ta' l-appellant; (2) *tirrevoka d-deċiżjoni appellata ta' l-ewwel* Qorti tas-27 ta' Novembru, 1984, li biha laqgħet it-talba tar-rikorrent Joseph Azzopardi għall-produzzjoni ta' l-intimati appellant Spettur Joseph Psaila biex jixhed u ordnat lill-istess Spettur Joseph Psaila biex jixhed fuq talba tar-rikorrent appellant u minflok tiddeċidi li a tenur ta' *l-artikolu 200 tal-Kodiċi* ta' Proċedura Ċivili r-rikorrent appellant għandu qabel xejn jikkonferma bil-ġurament l-ilment ikkontenut fir-rikors tiegħu u biss, wara li l-istess rikorrent appellant ikun ikkonkluda l-provi tiegħu l-Qorti tgħaddi biex tisma' lill-esponenti u l-provi tagħhom jekk ikun *il-każ*;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellant;

Rat ir-risposta tar-rikorrent appellant Joseph Azzopardi ppreżentata fis-6 ta' Diċembru, 1984, li biha għar-raġunijiet hemm elenkati ssottometta illi ż-żewġ digrieti appellati huma ġusti u jimmeritaw konferma;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni għal dan l-appell;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn ser tiġi eliminata preġudizzjali li r-rikorrent appellant qajjem bl-aħħar paragrafu tar-risposta tiegħu msemmija;

B'dan il-paragrafu l-appellant iddikjara li kien qed *jikkontesta l-appell fil-meritu mingħajr* preġudizzju għan-*nullità* tar-rikors ta' l-appell peress li fih qed tintalab ir-revoka ta' żewġ deċiżjonijiet separati;

B'verbal quddiem din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1985 l-appellat permezz ta' wieħed mid-difensuri tiegħu iddikjara li ma kienx qed jinsisti għal din l-eċċezzjoni ta' nullità;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti wara li qieset il-portata tal-kwistjoni legali li ssemmiet kemm għax ġiet irtirata kif ukoll għax ma jidhirx li hi tali li tirrikjedi xi intervent *ex officio* ta' din il-Qorti, tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi anki għall-fini ta' prattiċità din il-Qorti sejra l-ewwel tikkonsidra u tiddeċidi l-appell in kwantu jirrigwarda l-ewwel wieħed mid-diġrieti appellati ċjoè dak li kronoloġikament ingħata l-ewwel, u li bih l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat *inter alia* illi r-rikors promotur tal-ġudizzju kif sussegwentement spjegat oralment kien ritwali u skond il-liġi;

Fir-rigward ta' dan id-digriet jingħad li dak li ddeċidit l-ewwel Onorabbli Qorti kien is-segwenti:

"Tirrileva fl-ewwel lok li l-kontenut ta' *l-ewwel żewġ* paragrafi fir-risposta ta' l-intimati u enumerati konsekuttivament *bin-numru* 1 u 2 huwa minnu nnifsu ta' natura li jaqa' fid-*diskrezzjoni tal-Qorti u li għalkemm ma hemm* xejn *irregolari* filli xi waħda mill-partijiet tattira l-attenzjoni tal-Qorti dwar xi punt tal-liġi, kull prerogattiva għandha *tibqa' f'idejn* l-istess Qorti;"

"Illi fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu ta' l-intimati, wara li hija ħadet konjizzjoni approfondita tiegħu, ta' l-ordni tagħha lir-rikorrenti u r-risposta *ta' l-istess*, u *qieset* ukoll il-kontenut intier tar-rikors intavolat b'riferenza għar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali (Avviż Legali numru 48 ta' l-1964) u mhux kif erronjament indikat mill-intimati kwantu data;"

"*U billi jidhrilha li r-rikors intavolat kif sussegwentement* spjegat oralment, huwa ritwali u skond il-liġi;"

"Tordna lill-partijiet għalhekk biex iressqu l-provi tagħhom dwar il-każ, **bla preġudizzju** tas-setgħa mogħtija lill-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni;"

L-aggravji ta' l-appellanti fir-rigward ta' dan id-digriet huma in suċċint dawn li ġejjin:

1. Din id-deċiżjoni hija dijametrikament opposta għall-oħra tat-23 ta' Novembru, 1984, meritu ta' l-appell l-ieħor li din il-Qorti ddeċidiet qabel dan;

2. Jistaqsu l-appellanti: "kif setgħet il-Qorti tiddeċidi fit-23 ta' Novembru, li kien opportun li r-rikorrent Joseph Azzopardi

**jispeċifika** d-dispożizzjonijiet li allegatament ġew miksura mill-esponenti u fis-27 ta' Novembru, 1984 tiddeċidi li r-rikors kien ritwali u skond il-liġi u ma kienx hemm ħtieġa li r-rikorrent **jispeċifika** d-dispożizzjonijiet imsemmija?"

3. Fid-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Novembru, 1984 l-ewwel Qorti rrilevat li r-rikors ta' Joseph Azzopardi ġie "sussegwentement spjegat oralment". Dan ifisser li l-ewwel Qorti taċċetta li r-rikors ta' Joseph Azzopardi ma hux "spjegat" biżżejjed skond il-liġi tant li kien jeħtieġlu jiġi spjegat oralment. La darba r-rikors ta' Joseph Azzopardi jeħtieġ li b'xi mod jiġi "spjegat" allura tali spjega trid issir bil-mod previst mil-liġi. Ir-regolament 3(3) tar-Regolamenti tal-Qorti tal-1964 dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali jipprovdi li r-rikorrent għandu fiż-żmien li l-Qorti tistabilixxi jippreżenta **nota** li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa. Il-verbal tar-rikorrent fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 1984, għalhekk, ma għandu ebda effett fil-liġi u la darba fit-23 ta' Novembru, 1984, il-Qorti ddikjaratu karenti u ordnat lir-rikorrent Joseph Azzopardi jispeċifika d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li allegatament ġew miksura mill-intimati dan baqa' karenti fis-27 ta' Novembru, 1984. Dan apparti li l-verbal tar-rikorrent Joseph Azzopardi tat-23 ta' Novembru, 1984 dikjaratament ma kien qiegħed iżid xejn mar-rikors tiegħu;

4. Skond ir-Regolament 3(1) tar-Regolamenti msemmija mhux biżżejjed jissemmew l-artikoli tal-Kostituzzjoni li allegatament ikunu ġew miksura iżda għandhom jiġu speċifikati dawk id-dispożizzjonijiet minnhom li jkunu suppost ġew ivvjolati, dana għaliex l-intimati għandhom ikunu jafu bil-preċiż ta' x'hiex qiegħed jiġi allegat li huma ħatja;

5. L-ewwel Onorabbli Qorti minflok semghet lill-intimati appellanti dwar it-tieni paragrafu taghhom u pprovdiet fuqu ordnat lill-partijiet iressqu l-provi taghhom bla preġudizzju tas-setgha moghtija lilha a tenur ta' l-artikoli 47(2) tal-Kostituzzjoni;

6. Skond il-Kostituzzjoni u l-proċedura kien neċessarju qabel xejn illi l-ewwel Onorabbli Qorti teżamina jekk hemmx xi rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrent appellat li seta' jesperixxi jew li ghad jista' jesperixxi ghaliex altrimenti r-rimedju Kostituzzjonali minn rimedju straordinarju kif hu intiż mill-Kostituzzjoni jsir rimedju ordinarju u vessatorju;

Fir-risposta tieghu ghal din il-parti ta' l-appell l-appellant jissottomentti dan li ġej:

1. Huwa ma żied xejn ma' dak li diġa' kien hemm fir-rikors;

2. Fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ma thalla barra l-ebda rekwiżit tal-liġi;

3. It-teżi ta' l-appellanti illi mhux biżżejjed li jiġu indikati l-artikoli iżda jridu jiġu indikati s-sub-inċiżi (li l-appellanti jsejhilhom "dispożizzjonijiet") hija wahda artifiċjali u ma ssib l-ebda sostenn fil-ġurisprudenza;

4. Kwantu ghall-ilment ta' l-appellanti illi t-tieni paragrafu tar-risposta tieghu ma ġiex deċiż, l-appellant issottometta illi l-ewwel Qorti ghandha dover, aktar milli dritt, illi tkompli miexja bil-kawża Kostituzzjonali u tiddeċidi l-kwistjonijiet kollha ssollevati, f'deċiżjoni wahda u dan minhabba n-natura urġenti tal-proċeduri Kostituzzjonali;

5. Is-sottomissjoni ta' l-appellanti illi huwa "assolutament neċessarju" li l-ewwel Qorti teżamina "qabel xejn" jekk hemmx xi rimedju ordinarju hija żbaljata. Infatti l-Kostituzzjoni fl-artikolu 47(2) tgħid illi l-ewwel Qorti **tista'** ("*may*" mhux "*shall* ") tqis jekk ir-rikorrent kellux rimedju ordinarji disponibbli;

Ikkunsidrat:

Illi minn dak li ngħad s'issa dwar din il-parti ta' l-appell jidher li din hi maqsuma f'żewġ partijiet, u ċjoè, fl-ewwel lok l-appellanti qed jilmentaw li l-ewwel Onorabbli Qorti waqgħet f'kontradizzjoni billi tat deċiżjoni opposta għall-oħra li kienet tat qabel u fit-tieni lok illi dik l-istess Qorti ssorvolat eċċezzjoni ta' l-intimati qisha qatt ma kienet ingħatat;

Dawn iż-żewġ aggravji ser jiġu kkonsidrati wara xulxin kif ingħataw;

Ikkunsidrat għalhekk dwar l-allegata kontradizzjoni li skond l-appellanti l-ewwel Qorti waqgħet fiha meta ddeċidiet li r-rikors promotorju tal-ġudizzju kien ritwali u skond il-liġi;

Il-fatti u dettalji kollha li jikkomponu flimkien l-isfond li fih ingħatat din id-deċiżjoni ġià ssemmew u dawn flimkien mas-sentenza li din il-Qorti għadha kemm tat fil-kawża l-oħra bl-istess ismijiet premessi llum stess (Numru 1 fuq il-lista tal-Kawżi Kostituzzjonali tal-lum) jirrendu s-soluzzjoni ta' din l-ewwel vertenza sempliċi biżżejjed biex din il-Qorti tiddisponi minnha brevement kif ġej;

Infatti, jiġi enfasizzat anki hawn, li bħal fil-każ ta' l-appell l-ieħor deċiż li għadu kif issemma, jidher li l-appellanti

erronejament iddeċidew illi r-rikorrent appellant fir-rikors promotorju tal-ġudizzju ma setax jgħid biss li kien qed jallega ksur *ta' l-artikolu 35 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta imma kellu* jispeċifika liema paragrafi ta' dawn l-artikoli kienu allegatament inkisru;

Din il-Qorti diġà qalet illi dan l-argument hu fallaċi għaliex mhux biss mhux ikkonfortat *mill-ebda dispożizzjoni tal-liġi iżda* jirriżulta mill-istess liġi li ma hemm xejn x'jindika li jekk persuna tħoss li nkiser fil-konfront tagħha l-artikolu sħiħ ma tistax tindika dan fir-rikors tagħha. Għal din il-Qorti din il-kwistjoni *tant hi ċara li ma tħossx li hemm* bżonn li jingħad ħafna aktar;

Effettivament jirriżulta li wara l-Ordni tat-23 ta' Novembru, 1984 ir-rikorrenti għamel id-dikjarazzjoni li ssemmiet u biha biss l-ewwel Onorabbli Qorti deħrilha li kellha bizzejjed biex tikkonferma li ma kienx hemm ebda irregolarità formali fir-rikors promotorju tal-ġudizzju. Altru minn kontradizzjoni, għalhekk, jidher ċar li dan id-degriet kien l-unika konsegwenza loġika u neċessarja li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u skond il-liġi tasal għaliha. Altrimenti kienet tkun qed tasal għall-assurdità li jekk ir-rikorrent tajjeb jew ħażin fuq ir-responsabbiltà tiegħu jippretendi li ġew ivvjolati żewġ artikoli intieri tal-Kostituzzjoni fil-kontront tiegħu dan ma jistax jgħidu u jrid bilfors jispezzetta dawk l-artikoli u jillimita ruħu għal partijiet minnu;

L-intimati appellanti qegħdin ukoll jippretendu li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tipproċedi tordna li jitkomplew il-provi qabel ma tiddeċidi l-eċċezzjoni tagħhom li l-appellant kellu rimedji oħrajn ordinarji x'jesperixxi;

Illi mhux korretta l-asserzjoni li din l-eċċezzjoni l-ewwel

Qorti njoratha. Infatti mill-ewwel u mill-aħħar paragrafi tad-deċiżjoni appellata stess jidher ċar li dik il-Qorti irrikonoxxiet x'jaqa' fil-prerogattiva tagħha għal dik li hi diskrezzjoni fil-konsiderazzjoni ta' din l-eċċezzjoni. Il-*proviso* tas-sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ma jħallix dubju, infatti, li d-deċiżjoni appellata kienet fil-limiti diskrezzjonali ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u li l-pretensjoni ta' l-appellanti li kellha tingħata deċiżjoni fuq dan il-punt l-ewwel u qabel kollox hi infondata għax ma jirriżulta minn imkien illi f'xi stadju qabel is-sentenza finali l-ewwel Qorti trid tiddeċidi bilfors u separatament eċċezzjoni simili;

Stabbilit dan kollu jonqos biss tiġi kkonsidrata u deċiża t-tieni talba ta' l-appellanti u ċioè dik li tirrigwarda l-Ordni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti biex jiġi prodott l-Ispettur Joseph Psaila bħala xhud tar-rikorrenti fl-istadju li ġià ssema;

F'dan ir-rigward l-aggravju ta' l-appellanti hu kif ser jingħad u ċjoè:

1. "Illi kwantu għat-tieni deċiżjoni appellata, u ċjoè dik li biha l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent appellat produzzjoni ta' l-intimat appellant Spettur Joseph Psaila u ordnatlu jitla' jixhed, l-intimati jissottomettu li ebda wieħed mill-intimati, li qegħdin jiġu akkużati ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma għandu jiġi prodott bħala xhud f'dan l-istadju anzi, ebda provi ma għandhom, u ma jistgħu skond il-liġi jiġu prodotti mir-rikorrent appellat, qabel ma tiġi risolta minn din il-Qorti l-kwistjoni pendenti quddiemha bl-appell ta' l-esponenti mid-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti tat-23 ta' Novembru, 1984, kif ukoll bl-appell preżenti dwar l-irritwalità tar-rikors tar-rikorrent appellat;"

2. "Wara li tiġi risolta l-kwistjoni msemmija l-ewwel Qorti għandha ssegwi l-proċedura stabbilita fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li jipprovdi fl-artikolu 200 li l-ordni tas-smigħ tal-kawża għandu jkun li l-ewwel l-attur ifisser il-każ, jagħmel it-talba u jgħaddi għall-provi li jsaħħu dik it-talba u wara l-konvenut jagħmel it-tweġiba u mbagħad tgħaddi għall-provi li jsaħħu l-eċċezzjonijiet tiegħu. Għalhekk l-ewwel Qorti għandha, wara li jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari, tisma' bil-ġurament lir-rikorrent li għandu jikkonferma t-talba tiegħu u wara tgħaddi biex tisma' l-provi ta' l-istess rikorrent. F'dan l-istadju l-intimati ma jistgħux jiġu prodotti bħala provi tar-rikorrent *stante* li l-liġi tipprovdi li l-intimati għandhom jinstemgħu u jgħaddu għall-provi tagħhom biss wara li r-rikorrent ikun spiċċa mill-provi tiegħu;"

3. "Ma jista' jkun qatt permessibbli li persuna tintavola rikors kostituzzjonili u tallega ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha mill-intimati mingħajr ma jkollha ebda provi f'idejha biex imbagħad tipproduċi lill-intimati bħala xhieda biex tgħaddihom inkjesta mill-Qorti u tara x'tista' tippeska mingħandhom għall-finijiet tagħha;"

4. "*Inoltre*, jiġi sottomess bir-rispett li r-rikors li bih jingħata bidu għall-proċeduri kostituzzjonali quddiem il-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili għandu n-natura ta' kwerela, "*complaint*" u għalhekk fi kwalunkwe każ ir-rikorrent għandu qabel xejn jikkonferma l-kontenut tar-rikors tiegħu;"

5. "Illi *intoltre* l-intimati jipprotestaw għall-fatt li appena l-Ispettur Joseph Psaila tela' fil-pedana tax-xhieda l-ewwel Qorti ttrattatu bħal xi delinkwent u avżatu li jekk bid-domandi li jsirulu jista' jinkrimina ruħu jkollu d-dritt li teżentah milli jixhed u dan

meta għadu anqas saret ebda xorta ta' xi bidu ta' prova mir-rikorrent;"

Ir-risposta tar-rikorrent appellat kwantu jirrigwarda din il-parti ta' l-appell hi fit-termini segwenti u ċjoè:

1. Kwalunkwe parti f'kawża (rikorrent jew attur, intimat jew konvenut) jista' jipproduċi bħala xhud tiegħu lill-kontroparti u dan fi kwalunkwe stadju tal-provi tiegħu - anzi, ħadd ma jista' jindaħal lil dik il-parti f'liema ordni tressaq il-provi tagħha (art. 564(1) tal-Kap. 15);

2. Fil-fehma ta' l-appellat, l-aħjar prova dwar il-ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu tinsab filli huwa jipproduċi lill-persuna li, kif isostni hu, kisret tali drittijiet tiegħu;

3. L-appellat jilmenta illi dak li hu benefiċċju tat-twissija u li ġie mogħti mill-ewwel Qorti fil-bidu tax-xhieda tiegħu lill-Ispettur Joseph Psaila illi huwa għandu l-jedd jitlob lill-Qorti teżentah milli jwieġeb għal dawk id-domandi li bihom jista' jinkrimina ruħu, l-appellanti flok ikkonsidrawh bħala benefiċċju ikkonsidrawh bħala trattament li jingħata lid-delinkwenti;

Ikkunsidrat:

Illi frankament din il-Qorti ma tistax tara kif l-ewwel Qorti setgħet b'xi mod tordna lill-appellat jirregola l-provi tiegħu b'mod differenti milli jidhirlu li hu fl-aħjar interess tiegħu. Fil-fatt, kif sewwa ssottometta l-appellat mhux biss ma hemm xejn x'iżommu milli jipproduċi wieħed mill-kontroparti ċjoè l-Ispettur Psaila bħala xhud tiegħu, anzi, jista' jekk irid jipproduċi lilu biss u lil ħadd iżjed. Dan biex ma jingħadx ukoll

illi wara kollox anki l-istess Qorti setgħet fi kwalunkwe ħin tordna hi stess il-produzzjoni ta' kull xhud. F'materja ta' regolament ta' provi hu saput li r-regola hi li dan hu kamp riservat għad-diskrezzjoni tal-Qorti salvi d-drittijiet tal-partijiet li fil-limiti tal-liġi jipproduċu l-provi li jidhrilhom opportuni. Hu notorju wkoll illi f'din il-materja din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni rarament tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' Prim'Istanza u f'dal-każ m'hi qed tara ebda raġuni valida għala għandha tagħmel eċċezzjoni. Fl-aggravji ta' l-appellanti hemm ħafna preżunzjonijiet dwar x'ordni għandha ssegwi kull parti fil-provi tagħha, però, bir-rispett kollu dawn huma biss argumenti li ma jsibu ebda każi fil-liġi jew fil-ġurisprudenza;

Dwar in-natura tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u ċjoè jekk għandux min-natura ta' kwerela din il-Qorti ma tħossx fil-każ preżenti n-neċessità li toqgħod tiddilunga f'eżerċizzji akkademiċi *stante* li dawn ma jistgħux ikollhom rilevanza għax hawn qegħdin f'kamp totalment differenti u l-leġislatur ma kienx jonqos milli jipprovdi "*ad hoc*" għal dik li hi orndi ta' provi kieku f'każijiet kostituzzjonali ried ordni riġidu;

Jonqos biss l-aħħar aspett ta' dan l-aggravju u ċjoè dak relattiv għat-twissija li l-ewwel Qorti tat lill-Ispettur Joseph Psaila appena dan ħa l-pedana tax-xhieda. L-iktar argumenti eruditi, saġġi u approfonditi jistgħu forsi jwasslu għall-konklużjoni li din it-twissija kienet żejda, però, qatt ma jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li dik it-twissija kienet irregolari jew li l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħtiha. Fi kwalunkwe każ, imbagħad, din il-Qorti ma tistax tara kif dik it-twissija tista' b'xi mod tinċidi fuq it-talba ta' l-appellanti kif inhi;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell interpost mill-

intimati Kummissarju tal-Pulizija u Spettur Joseph Psaila billi tiċħad l-istess fl-intier tiegħu u konsegwentement tikkonferma fl-intier tagħhom id-deċiżjonijiet appellati. L-ispejjeż ta' dan l-appell jiġu ssopportati mill-appellanti sokkombenti.